## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Mejju, 2021**

**Talba Nru: 282/2020 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Raonic Goran**
**(150667A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sbatax (17) ta' Novembru, 2020 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u hamsa u erbghin euro u tnejn u hamsin centezmi (€2345.52) li huma komposti minn seba' mija u hamsa u disghin euro u disgha u tletin centezmi (€795.39) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40555692 u elf hames mija u hamsin euro u tlettax-il centezmu (€1550.13)

in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40752849 bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bir-referenza 1488/16 u bl-imghaxijiet legali.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tat-12 ta' Mejju, 2021 u tas-27 ta' Mejju, 2021.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluzi l-istatement u s-Service Order Forms u kopja tal-ittra ufficjali.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021 li permezz taghha ikkonfermat bil-gurament tieghu illi s-somma mitluba ghadha kollha dovuta mill-intimata lis-socjeta` attrici a bazi ta' dak indikat fl-istess talba odjerna. Ikkonfermat ukoll il-kontenut tal-avviz tat-talba u kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess. Stqarret li ma sar ebda tentattiv da parti tal-intimat illi jikkomunika mas-socjeta` attrici jew jipprova jwettaq xi pagament u dan minkejja l-interpellazzjonijiet relattivi.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tat-12 ta' Mejju, 2021 u tas-27 ta' Mejju, 2021 lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament pruvat mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimat lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-

rapprezentant tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021. Fir-rigward tal-imghaxijiet dawn huma dovuti mid-data tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja u cioe` mis-29 t'April, 2021 u cioe` meta giet konkluza il-procedura tan-notifika lill-konvenut tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' elfejn tlett mija u hamsa u erbghin euro u tnejn u hamsin centezmi (€2345.52) li huma komposti mnn seba' mija u hamsa u disghin euro u disgha u tletin centezmi (€795.39) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40555692 u elf hames mija u hamsin euro u tlettax-il centezmu (€1550.13) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40752849 bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bir-referenza 1488/16 u bl-imghaxijiet legali sa mid-29 t' April, 2021 kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**